**GRUPP ORGANIZZATTIV ĠIMGĦA L-KBIRA**
15, TRIQ IL-KNISJA, MOSTA, MST 2015
Sit uffiċjali: www.mostachurch.com
Imejl: gimghakbiramosta@gmail.com
Paġna ta' *facebook*: Ġimgħa l-Kbira Mosta – Grupp Organizzattiv

# Formola għat-Tkaxkir tal-Ktajjen fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, Mosta 2026

1. It-tkaxkir tal-ktajjen fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Mosta jsir b'reġistrazzjoni **nhar il-Ħadd 21 ta' Frar 2026 wara s-seminar ta' tħejjija għall-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, fis-Sala Papa Wojtyla.**
2. Importanti **(1) timla u ġġib miegħek din il-formola** u **(2) iġġib kopja minn quddiem u minn wara tal-karta tal-identità**. Jekk ma tistax tattendi għas-seminar, tista' tibgħat persuna oħra li mhux se tkaxkar din is-sena.
3. In-numru ta' postijiet hu limitat għal ħamsin. Il-post fejn se jitkaxkru l-ktajjen waqt il-purċissjoni jintagħżel dakinhar li ssir ir-reġistrazzjoni.
4. Dakinhar tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, importanti li ġġib miegħek:

| | |
|---|---|
| i. Din il-formola | ii. Salib li jinżamm ma' ħżiemek |
| iii. Il-karta tal-identità | iv. Fanal |
| v. Konfratija, barnuż u kurdun | vi. Ċraret bojod sabiex torbot il-ktajjen |

5. Il-Grupp Organizzattiv jipprovdi l-ktajjen li jiżnu madwar 35kg. Dakinhar tal-Ġimgħa l-Kbira, dawn għandhom jinġabru mill-maħżen tal-Monument bejn l-4:30 p.m. u l-5:15 p.m. Kif tidħol il-vara li se tkun qed tkaxkar warajha, il-ktajjen għandhom jitpoġġew mill-ewwel lura fil-maħżen tal-Monument.
6. Mhux permess l-użu ta' ktajjen personali jew alterazzjoni għall-ktajjen tal-Grupp Organizzattiv.
7. Hu assolutament projbit xorb u tipjip.
8. L-organizzazzjoni u l-osservanza ta' dawn ir-regoli se tkun f'idejn il-membri tal-Grupp Organizzattiv u f'idejn persuni oħra nkarigati li jkollhom kard apposta sabiex jiġu identifikati.
9. M'għandhomx jitħallew basktijiet taħt il-portiku, speċifikament maġenb l-istatwi tal-appostli.

| **ISEM U KUNJOM:** | |
|---|---|
| **STATWA:**<br>titniżżel mill-Grupp Organizzativ dakinhar tar-reġistrazzjoni | **NUMRU TAL-KARTA TAL-IDENTITÀ:** |

------------------------------------------------------------

**KTAJJEN - PURĊISSJONI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA – 2026**

| **ISEM U KUNJOM:** | | **NUMRU TAL-KARTA TAL-IDENTITÀ:** |
|---|---|---|
| **STATWA:**<br>titniżżel mill-Grupp Organizzativ dakinhar tar-reġistrazzjoni | **IMEJL:** | **NUMRU TAL-MOWBAJL:** |

Jiena naċċetta l-linji gwida t'hawn fuq u nagħti l-kunsens sabiex:

☐ Nagħti permess biex il-Parroċċa tal-Mosta tkun tista' żżomm u tuża l-informazzjoni li qed tinġabar.

☐ Nagħti permess biex jieħdu ritratti u filmati tiegħi waqt li qed nieħu sehem fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u attivitajiet oħra relatati magħhom. Dawn ir-ritratti u filmati jistgħu jintużaw fuq siti elettroniċi, paġna tal-*facebook* jew pubblikazzjonijiet.

☐ Nixtieq nirċievi informazzjoni oħra dwar diversi inizjattivi li l-Parroċċa tal-Mosta tkun qed tieħu.

______________________________________

**FIRMA U DATA:**